31981D0091



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat-30 ta' Jannar 1981
## dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika ta' l-Arġentina approvata għall-għanijiet ta' l-importazzjoni ta' ċanga u vitella friska, laħam tan-nagħaġ u laħam ta' solipedi domestiċi fil-Komunità

(81/91/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi ta' saħħa u spezzjonijiet veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat u ħnieżer u laħam frisk minn pajjiżi terzi [1] u partikolarment Artikoli 4(1) u 18 (1) (a) u (b) tagħha,

Billi stabbilimenti f'pajjiżi li mhumiex membri ma jistgħux jiġu awtorizzati biex jesportaw laħam frisk lill-Komunità sakemm ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ġenerali u speċjali preskritti fid-Direttiva 72/462/KEE;

Billi l-Arġentina bagħtet, skond Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, lista ta' stabbilimenti awtorizzati biex jesportaw lejn il-Komunità;

Billi spezzjonijiet tal-Komunità fuq il-post urew li l-livelli ta' iġjene ta' ħafna minn dawn l-istabbilimenti huma biżżejjed u għalhekk jistgħu jiġu mdaħħla fl-ewwel lista, imfassla skond Artikolu 4(1) tad-Direttiva msemmija, ta' stabbilimenti li minnhom tista' tiġi awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk;

Billi l-każ ta' l-istabbilimenti l-oħra proposti mill-Arġentina jrid jiġi eżaminat mill-ġdid fuq il-bażi ta' l-informazzjoni addizzjonali dwar il-livelli ta' iġjene tagħhom u l-abilità tagħhom li jadattaw malajr għall-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità;

Billi sadattant u biex tiġi evitata xi interruzzjoni ħesrem ta' negozju eżistenti, dawn l-istabbilimenti jistgħu jiġu awtorizzati temporanjament biex ikomplu l-esportazzjonijiet tagħhom ta' laħam frisk lejn dawk l-Istati Membri li jkunu lesti biex jaċċettawhom;

Billi għalhekk ikun meħtieġ li jerġgħu jiġu eżaminati u, jekk hemm bżonn, tiġi emendata din id-Deċiżjoni fid-dawl tal-passi meħuda għal dan il-għan u l-iżviluppi li jkunu saru;

Billi wieħed irid jiftakar li l-importazzjonijiet ta' laħam frisk huma wkoll suġġetti għal leġislazzjoni veterinarja oħra tal-Komunità, partikolarment fir-rigward ta' ħtiġijiet għall-ħarsien tas-saħħa, inklużi d-dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit;

Billi l-kondizzjonijiet dwar l-importazzjoni ta' laħam frisk minn stabbilimenti li jidhru fuq il-lista annessa ma' din id-Deċiżjoni jibqgħu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Komunità preskritti band oħra u d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat; billi, partikolarment, l-importazzjoni minn pajjiżi li mhumiex membri u l-esportazzjoni mill-ġdid lejn Stati Membri oħra ta' ċerti kategoriji ta' laħam, bħal laħam li jiżen anqas minn 3 kilogrammi, jew laħam li fih residwi ta' ċerti sustanzi li mhumiex koperti minn regoli speċjali armonizzati, jibqgħu suġġetti għall-leġislazzjoni dwar is-saħħa ta' l-Istat Membru li qed jimporta;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-istabbilimenti fir-Repubblika ta' l-Arġentina elenkati fl-Anness huma b'dan approvati għall-għanijiet ta' l-importazzjoni ta' ċanga u vitella friska, laħam tan-nagħaġ u laħam ta' solipedi domestiċi fil-Komunità.

2. Importazzjonijiet minn dawn l-istabbilimenti għandhom jibqgħu suġġetti għad-dispożizzjonijiet veterinarji tal-Komunità preskritti banda oħra, u partikolarment dawk li jikkonċernaw il-ħtiġijiet dwar il-ħarsien tas-saħħa.

*Artikolu 2*

1. Stati Membri għandhom jipprojbixxu importazzjonijiet tal-kategoriji msemmija hawn fuq ta' laħam frisk imsemmi f'Artikolu 1(1) li jkunu ġejjin minn stabbilimenti minbarra dawk elenkati fl-Anness.

2. Din il-projbizzjoni, iżda, ma tapplikax sal-31 ta' Awissu 1981 għal stabbilimenti li mhumiex elenkati fl-Anness imma li jkunu ġew uffiċjalment approvati u proposti mill-awtoritajiet Arġentini mill-1 ta' Settembru 1980, skond Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, sakemm ma tittieħidx deċiżjoni kuntrarja, skond Artikolu 4(1) tad-Direttiva msemmija hawn fuq, qabel l-1 ta' Settembru 1981.

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-lista ta' dawn l-istabbilimenti lill-Istati Membri.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1981.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha riġi riveduta, u jekk meħtieġ emendate, qabel l-1 ta' Lulju 1981.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Jannar 1981.

*Għall-Kummissjoni*

Poul DALSAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**LISTA TA' STABBILIMENTI**

I. LAĦAM TAL-BOVINI

A. **Biċċerija u bini fejn isir it-tqattiġ**

| Stabbiliment numru | Indirizz |
|---|---|
| 8 | Corporación argentina de productores de carnes-Cap-cuatrenos, Daniel Cerri — Buenos Aires |
| 9 | Corporación argentina de productores de carnes-Cap-yuqueri, Concordia — Entre Ríos, |
| 13 | Cia Swift de la Plata S. A., Rosario — Santa Fe |
| 15 | Frigorífico Colón S. A., Colón –Entre Ríos |
| 16 | Frigorífico regional Santa Elena S. A., Santa Elena — Entre Ríos |
| 20 | S. A. Frigorífico Monte Grande Ltda, Monte Grande — Buenos Aires |
| 89 | Frigorífico Carcarana S. A. C. I, Carcarana — Santa Fe |
| 249 | Industrias frigoríficas Nelson S. A. C. I. A, Nelson — Santa Fe |
| 1 113 | La Morocha S. A. A. I. C. F., Villa Mercedes — San Luis |
| 1 333 | Frigorífico argentino San Antonio — Pasa, Paraná — Entre Ríos |
| 1 344 | Vizental y Cia S. A. C. I. A., Ramirez — Entre Ríos |
| 1 352 | Frigorífico Meatex Ciafiiesa, Alejandro Korn — Buenos Aires |
| 1 373 | Frigorífico el Gentenario S. A., Venado Tuerto — Santa Fe |
| 1 383 | Barreca Hnos, Vivorata — Buenos Aires |
| 1 399 | Frigorífico regional industria argentina S. A. I. C. — Fria, Casilda — Santa Fe |
| 1 404 | Pedro Hnos S. A. I. C. I. F. A., Monte Chingolo — Buenos Aires |
| 1 408 | Subpga S. A. C. I. E. I., Berazategui — Buenos Aires |
| 1 905 | Frigorífico Yagunne SACIFA, Gonzales Catan — Buenos Aires |
| 1 918 | Cocarsa Cia de carneceros S. A. I. C. A. I., San Fernando — Buenos Aires |
| 1 920 | Frigorífico rioplatense S. A. I. C. I. F., General Pacheco — Buenos Aires |
| 1 921 | San Telmo S. A. C. I. A. F. I. F., Mar del Plata — Buenos Aires |
| 1 930 | Vizental y Cia S. A. C. I. A., San José — Entre Ríos |
| 1 970 | Frigorífico regional industrias alimenticias reconquista S. A., Reconquista — Santa Fe |
| 1 984 | Matadero y Frigorífico regional de Azul S. A. G. I. C., Azul — buenos Aires |
| 1 989 | Corporación argentina de productores de carnes-Cap, Rosario — Santa Fe |
| 2 012 | Frigorífico el Duranzillo IFCA, S. A. I. F. C. A., Río Segundo — Cordóba |
| 2 019 | Abastecedora delfino S. A. C. I., Tres Lomas — Buenos Aires |
| 2 052 | Matadero y Frigorífico Antártico S. A. I. C., Gonzales Catan — Buenos Aires |
| 2 064 | Frigorífico Siracusa S. A. A. C. I. I. F., Bahía Blanca — Buenos Aires |
| 2 065 | Frigorífico mediterraneos SAICIFA, Pajas Blancas |
| 2 067 | Cia elaboranda de productos animales S. A. I. C. A. G. T., Ponteverda — Buenos Aires |
| 2 072 | Frigorífico ganadero S. A. C. I., A F. I. G. M. S., Curuzu Cuatia — Corrientes |
| 2 080 | Caucan S. A., Ezeiza — Buenos Aires |

B. **Bini fejn isir it-tqattiġ**

| Stabbiliment numru | Indirizz |
|---|---|
| 273 | Frigorífico guardia nacional S. A., Guardia Nacional — 1166, Cap. Federal |
| 1 122 | Frigorífico Lafayette S. A. I. C. A. G., Lafayette 1740 — Cap. Federal |
| 1 311 | Frymat S. A. I. C. F. A., Buenos Aires 3680 — Santa Fe |
| 1 920 a | Frigorífico rioplatense S. A. I. C. I. F., General Pacheco — Buenos Aires |

II. LAĦAM TAN-NAGĦAĠ

**Biċċeriji u bini fejn isir it- tqattigħ**

| Stabbiliment numru | Indirizz |
|---|---|
| 8 | Corporación argentina de productores de carnes-Cap-cuatrenos, Daniel Cerri — Buenos Aires |
| 9 | Corporación argentina de productores de carnes-Cap-yuqueri, Concordia — Entre Ríos, |
| 14 | Corporación argentina de productores de carnes-Cap, Rio Grande, Tierra del fuego |
| 97 | Corporación argentina de productores de carnes-Cap, Pto. deseado — Santa Cruz |
| 1 352 | Frigorífico Meatex Ciafiisa, Alejandro Korn — Buenos Aires |
| 1 408 | Subpga S. A. C. I. E. I, Berazateugi — Buenos Aires |
| 2 006 | Vizental y Cia S. A. C. I. A, General Pico — La Pampa |
| 2 044 | Frigorífico Siracusa S. A. A. C. I. I. F., Comodoro Rivadavía — Chubut |
| 2 062 | Finexcor, Pernal — Buenos Aires |
| 2 072 | Frigorífico ganadero S. A. C. I. A., F. I. G. M. S., Curuzu Cuatia — Corrientes |

III. LAĦAM TAŻ-ŻIEMEL

**Biċċerija u bini fejn isir it-tqattigħ**

| Stabbiliment numru | Indirizz |
|---|---|
| 1400 | Frigorífico Juchco SCA, Gialeguay — Entre Ríos |
| 1451 | Lamar SRI, Mercedes — Buenos Aires |

IV. MĦAŻEN TAL-FRIŻA

| Stabbiliment numru | Indirizz |
|---|---|
| 152 | Cornalfri, Pilar — Buenos Aires |
| 267 | Frymat S. A. C. I. F. A., Santa Fe |
| 308 | Frigorífico americano de morris Neremberg Ltda S. A. Boulogne sur mer, 260/2 Cap. Federal |
| 391 | Frigorífico Siracusa S. A. A. C. I. I. F., Avellaneda — Buenos Aires |
| 1 326 | Establecimiento azul SRI, Azul — Buenos Aires |
| 1 838 | Guaicos S. A. I. I. F., Osvaldo Cruz 3047 — Cap. Federal |